# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 28/22/1 BS**

**Miriam Cassar**

**v.**

**Lawrence Bajada**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-konvenut mis-sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Familja fit-30 ta' Marzu 2023 li biha ċaħdet it-tieni eċċezzjoni u ordnat li s-smigħ tal-kawża jitkompla fil-meritu.

2. Il-fatti rilevanti għall-appell tal-konvenut huma s-segwenti:

i. Il-partijiet isseparaw b'kuntratt pubblikat fil-25 ta' Lulju 2021. Il-kuntratt jinkludi klawżoli dwar it-trobbija tat-tfal, *inter alia* li l-kura u kustodja hi f'idejn iż-żewġ ġenituri, għandhom jirrisjedu f'Għawdex sakemm isiru adulti, kif ukoll ħinijiet għall-aċċess u manteniment.

ii. Fit-18 ta' Mejju 2022 l-attriċi ippreżentat ittra li biha talbet lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jirreferi l-każ għall-medjazzjoni sabiex jinbidlu kondizzjonijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni li jolqtu l-manteniment, ir-residenza u aċċess;

iii. B'digriet mogħti fil-25 ta' Mejju 2022 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni tal-Familja) irreferiet il-każ quddiem medjatriċi.

iv. B'nota preżentata fit-28 ta' Lulju 2022 il-medjatriċi infurmat lill-Qorti li kien hemm żewġ seduti, u fl-aħħar waħda d-difensur tal-attriċi talab biex il-medjazzjoni tingħalaq għaliex kien *"..... jidher li ser ikun diffiċli biex il-partijiet jilħqu ftehim. Għaldaqstant, is-sottoskritta hi tal-opinjoni li din il-medjazzjoni għandha tingħalaq"*.

v. B'digriet mogħti fid-29 ta' Lulju 2022 il-Qorti qalet: *"Fid-dawl tan-nota tal-medjatriċi tat-28 ta' Lulju 2022, tiddikjara l-medjazzjoni magħluqa u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha"*.

vi. Fl-10 ta' Ottubru 2022 l-attriċi fetħet il-kawża.

3. Fil-kawża l-attriċi talbet sabiex ikun hemm tibdil fil-kuntratt ta' separazzjoni għal dak li jikkonċerna t-trobbija tat-tfal, l-aċċess, fejn igħixu u l-manteniment. Mill-premessi tar-rikors maħluf jirriżulta li l-attriċi trid tiġi tgħix Malta għaliex qalet li qiegħda f'relazzjoni ma' raġel li jgħix u jaħdem Malta u għandha l-ħsieb li tiżżewġu din is-sena.

4. Permezz tat-tieni eċċezzjoni, li hi dik rilevanti għall-appell, il-konvenut qal:

> *"2. Illi preliminarjament d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti Onorabbli sabiex il-partijiet jersqu għall-proċeduri kontenżjużi qatt ma ġie a konjizzjoni tal-esponenti u lanqas ma hu ippreżentat mal-atti odjerni. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' tali awtorizazzjonii dawn il-proċeduri huma monki u nulli"*.

5. B'sentenza li ngħatat fit-30 ta' Marzu 2023 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni u ddikjarat li għandu jitkompla s-smigħ tal-kawża. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti wara li għamlet referenza għall-Avviż Legali 397 tal-2003 (regolament 10, 4 u 11), *inter alia* kien dan:

*"Wara li l-Qorti qieset bir-reqqa l-argument sollevat mill-konvenut hija tal-fehma illi l-proċess ta' medjazzjoni huwa proċess regolat mil-Leġislazzjoni Maltija, u liema process huwa sorveljat mill-Qorti tal-Familja, fejn fl-aħjar ipoteżi, il-ftehim li jilħqu l-partijiet fil-proċess tal-medjazzjoni jkun wieħed regolat ai termini tal-Liġi Maltija u sottopost għall-iskrutinju tal-Qrati Maltin. Ġie diversi drabi ritenut mill-Qorti tal-Familja illi l-medjazzjoni hija l-ewwel pass fi proċeduri quddiemha, sew jekk dawn huma għal separazzjoni personali u sew jekk dawn ikunu jikkonċernaw il-kura u l-kustodja ta' tfal jew aċċess tat-tfal jew manteniment tal-istess, sew jekk fi żwieġ u sew fejnRikors Ġuramentat nru 28/2022 BS ikun hemm relazzjoni intima bejn żewġ partners bla rabta ta' żwieġ.*

*Tenut kont ta' dan il-Qorti ma tikkondividix l-interpretazzjoni mogħtija mill-konvenut. Jibda biex jingħad illi l-medjazzjoni tifforma parti integrali minn process ġudizzjarju li l-għan tiegħu hu li l-partijiet f'relazzjoni jaslu biex jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom jew bi qbil bonarju fil-fażi tal-medjazzjoni, u jekk dan ifalli jgħaddu għall-fażi sussegwenti li hija kawża fil-kontenzjuż. Dan ifisser li l-proċess quddiem il-Qorti huwa il-konsegwenzanaturali tal-falliment tal-medjazzjoni. Il-ħtieġa li jkun hemm l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tinbet mill-fatt illi l-proċess sa minn bidu tiegħu quddiem il-medjatur u aktar tard fil-kontenzjuż huwa kollu kemm hu taħt il-kappa u l-iskrutinju tal-Qorti bħala t-terz regolatur oġġettiv. Tant hu hekk illi meta jinqalgħu kwistjonijiet bejn il-partijiet li jkunu jirrikjedu attenzjoni immedjata u direzzjoni jew ordnijiet hija l-Qorti li tisma' u tagħti dawk id-direzzjonijiet u ordnijiet meħtieġa.*

*Madankollu l-involviment tal-Qorti ma għandux jiġi interpretat b'mod tant ristrett fis-sens li jekk fid-digriet tagħha l-Qorti ma tkunx awtorizzat speċifikament li jkun hemm it-tieni fażi tal-proċess u ċjoè l-fazi kontenzjuża, wara li tkun falliet il-medjazzjoni, wieħed ma jistax jipproċedi fil-kontenzjuż. Infatti ġie deċiż illi l-interpretazzjoni tal-liġijiet għandha dejjem tkun marbuta mal-finalità tagħha—«M'għandiex tiġi interpretata b'mod assurd u bla sens u lanqas b'mod li tagħti lok għall-vessazzjoni bla raġuni b'applikazzjoni letterali li qatt ma setgħat [sic] kienet fil-ħsieb tal-leġislatur.»*

*Din il-Qorti hija tal-fehma illi d-digriet tal-għeluq tal-medjazzjoni huwa meħtieġ għax mid-data ta' tali digriet jiskatta t-terminu ta' xahrejn għall-intavolar tal-kawża u ma tikkondividix l-argument sollevat mill-konvenut illi ġaladarba fid-digriet ma jkunx hemm speċifikatament imniżżel li l-Qorti qed tawtorizza lill-partijiet jipproċedu fil-kontenzjuż, allura il-partjiet ma jistgħux ikomplu bil-proċess litiġjuż. Dan għas-sempliċi raġuni illi kieku kellu jkun hekk kif qed jargumenta l-konvenut l-partijiet jispiċċaw mingħajr il-possibbilità li jipproċedu b'kawża u dan żgur li ma kienx l-intenzjoni tal-leġislatur aktar u aktar meta si tratta ta'*

*kwistjonijiet familjari fejn fost kwistjonijiet oħrajn il-benessere tal-ulied huwa suprem.*

*Din il-Qorti għal darb'oħra tisħaq li ġaladarba l-fażi kontenzjuża ssegwi l-fażi tal-medjazzjoni, u għalhekk hija min-natura tagħha l-pass naturali li jkun imiss meta l-medjazzjoni ma tirnexxix, in-nuqqas tal-awtorizzazzjoni espliċita min-naħa tal-Qorti ma jirrendix il-proċeduri nulli jew monki.*

*Lanqas ma jrieġi l-argument illi ġaladarba l-attriċi naqset milli titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti fl-ittra tagħha allura l-prodeċuri huma nulli. Il-Qorti tqis li huwa desiderabbli li l-awtorizzazzjoni tintalab, madankollu meta dan ma jsirx, tali nuqqas ma jġibx in-nullità tal-proċeduri.*

*Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut".*

6. Fis-27 ta' April 2023 il-konvenut ippreżenta r-rikors tal-appell u talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2023 u tilqa' t-tieni eċċezzjoni.

7. L-attriċi wieġbet (10 ta' Ġunju 2023) u tat ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħha din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

8. Fit-30 ta' Lulju 2024 il-konvenut iddepożita l-garanzija għall-ispejjeż tal-appell.

<u>Konsiderazzjoni</u>.

9. Il-konvenut jilmenta li l-liġi trid li:

i. L-ittra ta' medjazzjoni għandha tinkludi fiha talba għall-awtorizazzjoni.

ii. Ikun hemm l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex parti tiftaħ kawża, u l-Qorti għandha tistabbilixxi t-terminu li fih għandha tinfetaħ il-kawża.

10. Qabel l-attriċi tiftaħ il-kawża kellha tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Ewwel Qorti u tgħid x'qiegħda titlob (regolament 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20). Imbagħad il-Qorti ssejjaħ lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur li jimmedja bejn il-partijiet sabiex iwassalhom għal ftehim dwar il-kwistjoni ta' bejniethom. Fejn ma jaslux għal ftehim, il-medjatur għandu jgħarraf lill-Qorti. Imbagħad skont regolament 11:

> *"Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux għal ftehim wara l-proċess tal-medjazzjoni taħt ir-regolament preċedenti, hija għandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proċeduri fi żmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jiġi mogħti għal raġuni gravi".*

11. Fl-ewwel lok b'referenza għall-ilment li l-ittra li l-attriċi ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2022 ma fihiex talba biex il-Qorti tawtorizzaha tiftaħ kawża, l-ilment qatt ma kien il-meritu tat-tieni eċċezzjoni deċiża bis-sentenza appellata. Il-kwistjoni kienet biss dwar jekk bid-digriet tad-29 ta' Lulju 2022 l-Ewwel Qorti awtorizzatx lill-attriċi biex tiftaħ kawża.

12. Madankollu, kuntrarjament għal dak li jsostni l-konvenut, l-ittra li ippreżentat l-attriċi fit-18 ta' Mejju 2022 fiha x'kienet qiegħda titlob:

> *"i. Jiġu varjati l-kundizzjonijet li jiggvernaw ir-residenza tal-ulied, u l-ħinijiet tal-aċċess tal-missier għall-istess ulied.*
>
> *ii.Tiġi varjata l-klawżola li tirregola l-manteniment li għandu jitħallas mill-missier lill-esponenti bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż tat-trobbija tal-ulied".*

13. Il-konvenut hu żbaljat meta jargumenta li l-ittra ta' medjazzjoni *"14…. qatt ma setgħet twassal għall-kawża u l-esponenti qatt ma seta' jifhem li bl-ittra tal-medjazzjoni l-parti riedet twassal għall-kawża"*. Hu ovvju li l-attriċi ippreżentat dik l-ittra sabiex issir il-medjazzjoni li trid il-liġi qabel tinfetaħ kawża, u ovvjament jekk il-partijiet ma jiftehmux sabiex il-Qorti tawtorizza lill-attriċi li tiftaħ kawża dwar il-kwistjoni. Tant hu hekk li b'digriet tal-25 ta' Mejju 2022 l-Ewwel Qorti ordnat lill-partijiet sabiex jidhru quddiem medjatriċi fid-dati u ħinijiet li jkunu appuntati. Il-liġi ma titlobx li l-ittra lir-Reġistratur ikun fiha xi dikjarazzjoni formali *ad validitatem*. Li l-konvenut jargumenta li bl-imsemmija ittra l-attriċi wriet li ma kellhiex l-intenzjoni li tiftaħ kawża, hu 'l bogħod mill-verità. Għal kull min irid jirraġuna hu ovvju li l-ittra kienet l-ewwel pass sabiex jinbeda proċess ġudizzjarju, li fl-ewwel lok kellha tkun il-medjazzjoni. Proċedura li l-liġi trid li ssir sabiex isir tentattiv biex il-partijiet jiftehmu u tiġi evitata kawża.

14. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel ilment.

15. B'referenza għat-tieni ilment, hu veru li fid-digriet tad-29 ta' Lulju 2022 ma jingħadx espressament li l-Qorti awtorizzat lill-partijiet sabiex jiftħu kawża dwar il-kwistjoni. Madankollu, l-awtorizazzjoni hi impliċita fid-digriet stess meta l-Ewwel Qorti għalqet il-medjazzjoni. L-Ewwel Qorti bbażat id-digriet fuq dak dikjarat fin-nota tal-medjatriċi, minn fejn jirriżulta b'mod ċar li l-partijiet ma ftehmux. Il-kawża fiha nnifisha hi konferma kemm m'hemmx qbil bejn il-partijiet. Fil-fatt il-konvenut stess fit-tweġiba maħlufa kkontesta l-meritu tal-kawża li fetħet l-attriċi. Id-digriet mogħti fid-29 ta' Lulju 2022 ma jistax ifisser mod ieħor, ġialadarba l-medjatur għarraf lill-Qorti li l-partijiet ma ftehmux. M'hemmx dubju li bl-imsemmi digriet il-Qorti ma riditx tħalli lill-partijiet fil-limbu, u għalhekk b'dak id-digriet l-attriċi kellha kull dritt li tiftaħ il-kawża għat-tibdil ta' ċertu kondizzjonjiet tal-kuntratt ta' separazzjoni. Kawża li fetħet fit-terminu ta' xahrejn li jissemma fir-regolament. Għalkemm fid-digriet ma jissemmiex it-terminu li fih l-attriċi kellha tiftaħ il-kawża, hu ovvju li fin-nuqqas japplika t-terminu stabbilit mir-regolament, li hu xahrejn mid-digriet.

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-konvenut. Peress li tqis li l-appell hu fieragħ, tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn (Art. 223(4) tal-Kap. 12).

Tordna li l-atti jintbgħatu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jissokta s-smigħ tal-kawża fil-meritu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da